MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 23a

24 ta' Marzu 2026

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 23 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu 2026 fil-5.30pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru.22 li saret fil-25 ta' Frar 2026, ġew approvati mingħar korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)

2.1.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li għall-ħarġa kulturali li saret fit-18 ta' Marzu 2026, attendew ħamsa u għoxrin persuna. Il-ħarġa kienet tikkonsisti fi żjara fil-Mużew tax-Xierfa, fir-Rabat, Malta u wara waqfa għall-kafe. Hija xtaqet tirringrazzja lis-Sur Dominic Frendo li akkumpanja lill-grupp bħala gwida.

2.1.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet ukoll li l-ħarġa kulturali tax-xahar ta' April, ser tkun tikkonsisti fi żjara fil-Park tal-Għasafar u fix-Ximenes Redoubt fis-Salini.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill Lokali tat-Tfal ser jiltaqa' fit-30 ta' Marzu 2026 u fis-27 ta' April 2026.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħtif mogħti.

**2.3.1. Attività fid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Imnarja (A/1/2/Vol VII)**

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet fil-21 ta' Ġunju 2026, fid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa ser issir attività fl-okkażjoni tal-Festa tal-Imnarja.

2.3.3. Hija qalet li l-Kunsill intalab jgħin fl-organizazzjoni u possibiliment biex jinkrew l-istands mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. Iċ-Ċentru Anżjanità Attiva tal-Mellieħa ser jgħin billi janimaw is-serata b'xi żfin.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)**

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa li jmiss mal-Pulizija tal-Komunità ser issir nhar is-Sibt, 28 ta' Marzu 2026 fit-8.00am. Il-Kunsillier E. Bartolo talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' safar.

2.4.3. Is-Sindku għarraf li s-Surġent I. Mifsud ħa jgħaddi statistika lill-Kunsill dwar is-sewqan eċċessiv fi Triq il-Qortin u fi Triq Lewis Wettinger. Huwa qal ukoll li għandu informazzjoni li l-Pulizija ħarġu mija u għoxrin ċitazzjoni marbuta ma' sewqan eċċessiv fejn intuża l-ispeed gun. Huwa qal li l-CV Camera li twaħħlet fil-Miżieb hija effettiva.

2.4.4. Is-Sur G. Micallef għarraf ukoll li nhar il-Ħadd, 29 ta' Marzu 2026 filgħodu fil-Manikata ser issir laqgħa bejn il-Pulizija u r-residenti dwar l-inizjattiva 'Neighbourhood Watch' filwaqt li qed jistenna l-go ahead mill-Pulizija sabiex tiġi ċċirkulata ittra mal-cat feeders kollha dwar kif għandha tkun l-imġieba tagħhom fil-konfront tal-lokalità in ġenerali.

2.4.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet li l-Kunsill jerġa' jġib għall-attenzjoni tal-Pulizija il-plot vojta fi Triq il-Fortizza kantuniera ma' Triq il-Lellux. Dan peress li l-plot li mhux żviluppata, mhux imdawra b'boundary wall kif support u għaldaqstant hija aċċessibbli u nħoloq aċċess ukoll għar-residenzi tal-madwar. Hija qalet ukoll li apparti dan, hemm issue ta' safety wkoll.

2.4.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Żjara mill-*unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

2.5.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li tnejn u tletin persuna marru jagħtu d-demm waqt iż-żjara tal-unit għall-għoti tad-demm fil-Mellieħa nhar il-Ħadd, 15 ta' Marzu 2026. Hija qalet li kien hemm konkorrenza tajba ħafna u l-organizzaturi apprezzawha ferm.

2.5.3. Hija għarrfet ukoll li ż-żjara li jmiss ser issir fit-28 ta' Ġunju 2026.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)**

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-sessjoni li jmiss ta' 'Aqra Miegħi' fl-irziezet ta' Selmun ser issir fit-18 ta' April 2026 fil-11.00am.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Taħdita dwar 'Emotional Wellbeing during Pregnancy and Early Parenthood' (M/8/Vol VIII)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill ġie avviċinat minn Perinatal Malta dwar il-possibiltà li ssir taħdita dwar 'Emotional Wellbeing during Pregnancy and Early Parenthood' fl-uffiċċju tal-Kunsill.

2.7.3. Hija qalet li l-Kunsill laqa' pożittivament din it-talba u t-taħdita ser issir fit-30 ta' Marzu 2026 minn Dr Ethel Felice.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Kollaborazzjoni mal-Malta Wheelchair Basketball Association**

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill ġie avviċinat mis-Sur Noel Aquilina mill-Malta Wheelchair Basketball Association dwar proposta ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-Assoċjazzjoni. Il-ħsieb huwa li ssir attività sportiva bejn persuni li jużaw il-wheelchair u dawk li le. Hija qalet li għandha ssir laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill.

2.8.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li fil-passat kienet saret attività simili fil-Park tal-Familja.

2.8.4. Is-Sindku G. Micallef issuġġerixxa li l-attività ssir fil-parking area faċċata tal-uffiċċju tal-Kunsill.

2.8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. F. Xuereb/Etna/Għasel (P/4/27)**

3.1.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għaż-żjara li l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika għamel nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu 2026 fis-sit ta' dan il-proġett li qed isir b'kollaborazzjoni ma' Project Green.

3.1.3. Huwa qal li kienet żjara produttiva fejn il-Kunsill kellu l-opportunità anke jara l-pjanti tal-proġett. Huwa qal ukoll li l-fażi tal-iskavar qegħda fil-fażi konklussiva.

3.1.4. Dwar it-talba sabiex il-Kunsill japprova estensjoni tal-ħinijiet tax-xogħlijiet wara l-ħinijiet normali tax-xogħol, huwa qal li l-Kunsill għandu jara kif ħa jipproċedu x-xogħlijiet u ssir evalwazzjoni bejn il-membri kollha.

3.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.2.1. Installazzjoni ta' Cameras tas-Sigurtà f'Santa Maria Estate (C/9)**

3.2.2. Is-Sindku rrefera għas-silta 3.2.4. tal-minuti tas-seduta preċedeni u għarraf li l-Kunsill ħareġ is-sejħa għall-kwotazzjonijiet għal żewġ cameras li għalqet nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu 2026. Huwa qal li l-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjonijiet u ssuġġerixxa li jintalab li jsir rapport tekniku mill-Inġinier u l-Kunsill jingħata rakkomandazzjoni min-naħa tiegħu.

3.2.3. Dwar is-cctv cameras fl-entraturi tal-Mellieħa, huwa qal li l-kuntrattur Alberta Fire & Safety Equipment Ltd talab li jsiru detections mill-entitajiet pubbliċi sabiex ikun infurmat jekk ikunu għaddejjin xi servizzi fejn ser jitwaħħlu l-arbli.

3.2.4. Dwar is-cctv cameras fl-entraturi tal-Manikata, huwa qal li l-Kunsill qed jistenna li ssir laqgħa mal-kuntrattur iSpy Limited sabiex jiġu identifikati fejn ser jitwaħlu l-arbli.

3.2.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.3.1 Il-Librerija Pubblika tal-Mellieħa (L/4/Vol IV)**

3.3.2. Dwar il-librerija pubblika, is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl u komunikazzjonijiet verbali miż-żewġ librara li sfortunatament kulma jmur qed ikun aktar diffiċli u mhux sigur li l-librerija pubblika tibqa' topera mill-iskola primarja. Dan minħabba li s-servizz tal-ilma nqata' u għaldaqstant il-librara ma jistgħux jagħmlu użu mill-faċilitajiet sanitarji. Jidher ukoll li beda xogħol ta' kostruzzjoni ġo l-iskola nnifisha u għaldaqstant hemm ukoll issues ta' safety. Għal dan il-għan, is-Sindku qal li l-Kunsill

għandu jara x'se tkun it-triq 'il quddiem u ċertament li l-librerija pubblika ma tistax tibqa' topera mill-iskola primarja.

3.3.3. Fil-fatt, huwa qal li ser jerġa' jagħmel kuntatt mas-Sur Jonathan Mallia mill-Ministeru għall-Edukazzjoni sabiex tinstab soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni.

3.3.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill għandu jisħaq sabiex jingħata pre-fabricated classrom kif kien ġie mwiegħed.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Minuti tal-Laqgħa tal-Kumitat t'Evalwazzjoni – 10/03/2026;
- Nota ta' Sottomissjonijiet: Kawża Michelle Debattista vs Jonathan Hili, l-Awtorità għat-Trasport ta' Malta u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 21/03/2026;
- Skeda ta' Pagamenti – 23/02/2026 – 21/03/2026;
- Skeda ta' Petty Cash – 01/02/2026 – 25/02/2026;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Tiġdid tal-Karta tal-Identità mill-Uffiċċju tal-Kunsill (K/1/3/Vol III)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li s-servizz li ngħata mill-uffiċċju tal-Kunsill minn Identità Malta ntlaqa' tajjeb ħafna mir-residenti.

5.1.3. Huwa xtaq jieħu din l-opportunità biex jirringrazzja lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u lill-Identità Malta li offrew dan is-servizz.

5.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.2.1. Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri preżenti li Transport Malta għamlet talba għal diversi pjanti speċifiċi fejn ġejjin l-arbli fit-toroq imsemmija. Għaldaqstant, il-Kunsill għamel kuntatt mal-Perit E. Scerri li hu l-Perit inkarigat minn dan il-proġett sabiex jibda jaħdem fuq dawn il-pjanti sabiex il-Kunsill ikun jista'jgħaddihom lil Transport Malta.

5.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Ħsarat wara l-Maltempata 'Harry' (D/3/1/Vol XIV)

5.3.2. Dwar il-ħsarat wara l-maltempata 'Harry', is-Sindku qal li wħud mill-ħsarat li ġarrbu mollijiet u toroq qed jiġu ndirizzati. Tlesta wkoll ix-xogħol ta' Triq l-Għoljiet.

5.3.3. Is-Sindku qal li fil-bidu t'April 2026, il-Kunsill permezz tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ser jagħmel xogħol ta' patching fil-ġnub matul Triq il-Mellieħa. Matul ix-xogħlijiet ser ikun hemm jassistu fl-immaniġġjar tat-traffiku l-uffiċċjali ta' Transport Malta.

5.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.4.1 Laqgħa organizzata mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana (K/6/2/Vol VI)

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf fl-essenza tiegħu peress li kien ma jiflaħx, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin attendew għal-laqgħa organizzata mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindki tal-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun, id-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali s-Sur Emil Vassallo u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali s-Sa Alison Zerafa Civelli.

5.4.3. Is-Sindku qal li din il-laqgħa saret biex is-Sindku jew ir-rappreżentanti tagħhom ikollhom l-opportunità jiddiskutu l-problemi li ilhom jiffaċċjaw fir-rigward tal-kuntratt tal-Ġbir tal-Iskart kif ukoll materji u diffikultajiet oħra li jiltaqgħu magħhom fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom.

5.4.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li min-naħa tiegħu tkellem dwar il-problema peress li l-kuntratt m'għandux scammels biżżejjed biex ilaħħaq mad-domanda, il-ħinijiet tal-ġbir li mhumiex jiġu rrispettati, l-ispillages fit-toroq li ma jitnaddfux u l-fatt li enforcement fuq dan il-kuntratt m'hemmx.

5.4.5. Il-Kunsillier E. Bartolo spjega li fir-rigward ta' nuqqas ta' enforcement, id-Direttur Ġenerali qal li sfortunatament id-Diviżjoni qed iżżomm lura milli toħroġ default notices u mhux qed jagħfas kemm suppost fuq il-kuntratt, huwa minħabba l-fatt li jekk jittieħdu passi u l-kuntrattur jiddeċiedi li jieqaf, sfortunament m'hemmx back-up. Madanakollu, id-Direttur Ġenerali wiegħed li qed jippruvaw jieħdu azzjoni kemm jista' jkun.

5.4.6. Is-Sindku għarraf li lbieraħ t-Tlieta, 23 ta' Marzu 2026 huwa attenda il-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana u matul din il-laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur B. Bonello għarraf li hu ilu mit-2 ta' Jannar 2023 jitlob informazzjoni mingħand il-kuntrattur li sal-lum għadha ma ngħatatx. F'din il-laqgħa ntqal ukoll li minħabba li l-kuntrattur naqas li jagħmel sistema ta' GPS fl-iscammels kollha, mhux jindirizza l-ilmenti fil-ħin stipulat fost oħrajn, ir-Reġjun f'Jannar 2026 waqqaf il-ħlasijiet lill-kuntrattur.

5.4.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li dan il-kuntratt l-aħjar li kull Kunsill ikun segregat għalih, minħabba li d-differenzi fil-bżonnijiet ta' kull lokalità huma differenti. Huwa żied jgħid li fir-rigward tal-Mellieħa, is-servizz ma jistax jibqa' fuq żewġ rotot biss imma hemm bżonn li tidħol it-tielet rotta.

5.4.8. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet jista' jkun tajjeb ukoll li l-kuntratt ikun imqassam b'tali mod li kunsilli żgħar ikunu għalihom jew skond kif jiddeċiedi r-Reġjun rispettiv.

5.4.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.5.1 Il-Proġett tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

5.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li x-xogħlijiet fuq il-proġett bdew. Madanakollu, l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma aċċettat li l-main tad-drenaġġ li għaddej minn dan it-taraġ jinbidel kif għaddejjin ix-xogħlijiet u għaldaqstant il-kuntrattur ser ikollu jieqaf sakemm isiru l-permessi meħtieġa. Min-naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dan ix-xogħol ingħata b'Direct Order għaldaqstant il-proċess m'għandux jieħu fit-tul.

5.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.6.1. Proġetti tal-Kunsill (P/4/17, P/4/6/Vol VI)

5.6.2. Is-Sindku għarraf li l-laqgħa bejn il-Kunsill, il-Perit Matthew Casha u s-sidien tal-istabbilimenti li hemm viċin it-taraġ fi Triq Sant'Anna kantuniera ma' Triq Gorg Borg Olivier saret, u l-proġett intlaqa' tajjeb mis-sidien kollha li kienu preżenti. Il-Perit ser jibda jaħdem fuq id-dokument tas-sejħa għall-offerti.

5.6.3 Is-Sindku qal li saret proposta sabiex il-Communal Reserved Parking Bay tiċċaqlaq għal Triq Sant'Anna kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Qadima.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.7.1 Skambji ta' Żjarat bejn il-Kunsill u l-Comune di Cavriglia (K/1/5/3/Vol VI)

5.7.2. Is-Sindku għarraf li nhar il-Ħamis 12 ta' Marzu 2026, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin u l-Clerical Officer Ms P. Caruana kellhom online meeting mal-Comune di Cavriglia dwar l-iskambji taż-żjarat li ser isiru din is-sena. Huwa qal li l-Kunsillier E. Bartolo kien skużat minħabba mpennji oħra.

5.7.3. Is-Sindku qal li huwa kellu kuntatt mas-Sur John Baptist Gauci – is-Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Mużikali Imperial u kien hemm qbil li din is-sena l-Kor tal-Banda Imperial jipparteċipa fi skambju ta' żjarat u jitla' Cavriglia bejn is-17 u t-22 ta' Settembru 2026. Min-naħa ta' Cavriglia, huwa qal li qed jipproponu li grupp ta' adoloxxenti jiġu Malta f'Lulju 2026 u jerġa' jkollhom l-opportunità li jattendu għal-lezzjonijiet tal-Ingliż.

5.7.4. Minħabba proċeduri finanzjarji, is-Sindku ssuġġerixxa li din is-sena l-Kunsill jipproponi li l-adoloxxenti jqattgħu erba' jew ħamest ijiem Malta u mhux sebgħa.

5.7.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mal-proposta tas-Sindku.

### 5.8.1. Jum l-Omm 2026 (A/5/3/Vol XVI)

5.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin talbet lill-membri preżenti jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom fir-rigward tat-tifkira żgħira li l-Kunsill jagħti lir-residenzi tad-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa u l-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Omm'.

5.8.3. Hija qalet li għal numru tas-snin, il-Kunsill kien jippreżenta pjanta friska u qalet tkun idea tajba kieku l-Kunsill joħroġ b'xi ħaġa differenti din is-sena li jistgħu jibqgħu jżommuha.

5.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.9.1. Hydrological and Hydraulic Assessment fuq l-Inħawi tal-Għajn tal-Mellieħa (A/4/5/Vol V)

5.9.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Aġenzija responsabbli mir-Riżorsi tal-Ilma u l-Enerġija (EWA) għamlet l-assessment imsemmi fuq l-ilma ġieri fl-inħawi tal-Għajn tal-Mellieħa u l-Għar tal-Madonna.

5.9.3. Wara li sar dan l-assessment, is-Sindku qal li l-EWA għamlet kuntatt mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex jiġi stabbilit jekk hemmx xi sadd fis-servizzi tagħhom.

5.9.4. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin qalet li b'rabta ma' dan l-eżerċizzju, il-WSC talbet lill-Kunsill jnaddaf l-Għajn tal-Mellieħa biex ikun aktar faċli għalihom jagħmlu dan l-eżerċizzju.

5.9.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)

5.10.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq il-Marfa, il-Kunsillier E. Bartolo qal li minħabba t-tafal li hemm taħt il-wiċċ tat-triq, il-kuntrattur qed isib diffikultajiet peress li t-triq qegħda kull darba iċċedi. Huwa qal li n-naħa taċ-Ċimiterju 'Omm il-Ħniena', it-triq għadha ma ngħalqitx peress li hemm problema ta' pressjoni qawwija ta' ilma u din trid tiġi solvuta qabel ma tingħalaq it-triq.

5.10.3. Il-Kunsilliera C. Castillo talbet li għalissa d-'Diversion Sign' li twaħħal fi Triq l-Erwieħ għandu jitgħatta peress li għalissa Triq l-Erwieħ għadha miftuħa. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk dawn it-tabelli tat-traffiku li twaħħlu b'rabta mal-proġett kinux saru mill-kuntrattur u s-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

5.10.4. Is-Sindku tkellem dwar il-Bus Shelter temporanju li kellu jsir fl-immedjat u għaldaqstant sar mill-ħaddiema tal-Kunsill. Huwa qal li l-Kunsill kellu pressjoni kbira sabiex dan il-bus shelter isir. Huwa xtaq jieħu din l-okkażjoni biex jirringrazzja lill-ħaddiema tal-Kunsill għal biċċa xogħol tajba li għamlu.

5.10.5. Fuq il-bus shelter, il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jistaqsi jekk dan intrabatx sewwa peress li hemmhekk jaħkem ħafna r-riħ u s-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

5.10.6. Dwar il-bus stop 'Ruman', is-Sindku qal li t-talba li għamel il-Kunsill lil Transport Malta sabiex jitwaħlu bollards biex il-pubbliku jkun jista' jimxi warajhom u jkun hemm aktar sigurtà għalihom, għadha qed tiġi kkunsidrata.

5.10.11. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.11.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.11.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li fir-rigward ta' dan il-proġett, riċentament kellhom isiru xi tibdiliet peress li rriżenjat mill-kariga tagħha ta' Youth Leader Ms Enas de Volder u rriżenja wkoll mill-irwol tiegħu ta' Project Co-ordinator is-Sur Luca Axisa.

5.11.3. Is-Sur J. Cauchi qal li fir-rigward ta' Ms Enas de Volder jidher li tat ir-riżenja tagħha primarjament minħabba problemi personali. Fir-rigward tas-Sur Lucas Axisa, sfortunatment huwa kiteb direttament lill-EUPA fejn ressaq ċertu akkużi nfondati fosthom li l-proġett ma kienx miexi kif suppost, u talab li ismu ma jibqax marbut ma' dan il-proġett.

5.11.4. Is-Sur J. Cauchi qal li l-Kunsill min-naħa tiegħu rribatta din l-email u l-EUPA tat il-go ahead tagħha lill-Kunsill biex ikompli bil-proġett. Huwa qal ukoll li l-ħames żgħażagħ l-oħra huma lesti li jkomplu jkunu parteċipi. Fil-fatt, qed isiru laqgħat b'mod regolari mal-Youth Leader Ms Stefanie Vella u bħalissa qed jitfasslu l-attivitajiet marbuta mal-proġett.

5.11.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li proġetti ta' din ix-xorta dejjm ikunu ftit jew wisq ta' sfida madanakollu l-proġett għadu fil-fażi inizjali tiegħu.

5.11.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.12.1. Art mhux żviluppata fi Triq il-Qortin (A/6/1)

5.12.2. Il-Kunsilliera C. Castillo staqsiet jekk jistax jinbena ħajt baxx madwar l-art li mhux żviluppata fi Triq il-Qortin.

5.12.3. Il-Kunsill qabel li jiċċekkja jekk dik l-art hiex privata jew pubblika qabel ma jagħmel interventi simili.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.13.1. Ingaġġ ta' Administration Officer II (P/7/1/Vol XVII)

5.13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreferit għas-silta 5.13.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti u qalet li meta sar komunikat ma' Ms Paola Borg dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill li hija tiġi ingaġġata bħala Administration Officer fi Skala 10, sfortunatament Ms Paola Borg għarrfet li ma kinitx għadha interessata tieħu dan l-irwol fi ħdan il-Kunsill.

5.13.3. Għal dan il-għan, il-membri preżenti qablu li l-Kunsill għandu jinforma lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u jitlob permess jagħmel sejħa oħra. F'dan ir-rigward, is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li riċentement l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali flimkien mal-Union Ħaddiema Magħqudin permezz ta' Memorandum of Understanding No. 3 li jagħmel parti mill-Ftehim Kollettiv tal-Ħaddiema Klerikali, biddlu r-rekwiżiti tas-sejħiet għall-ingaġġ ta' ħaddiema klerikali. Għal dan il-għan, il-Kunsill jeħtieġ li jikkanċella l-permess li kellu biex jagħmel is-sejħa għall-Administration Officer fi Skala 10 u jitlob għall-permess

ġdid biex ikun jista' jagħmel is-sejħa bir-rekwiżiti l-ġodda.

5.13.4. Is-Sindku G. Micallef qal li peress li fl-Estimi Annwali għas-Sena 2026, il-Kunsill ħaseb biex isir ingaġġ ta' Clerical Officer fi Skala 15 biex isir replacement wara r-riżenja ta' Ms R. Mifsud, issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob il-permess għal dan il-għan ukoll.

5.13.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.14.1. Kalendarju Kulturali 2026 (A/5/3/Vol XVI)

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef fakkar li għada l-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2026 l-Kunsill ser jorganizza tombola b'risq Puttinu Cares. Huwa qal li sal-lum irreġistraw ħamsa u ħamsin persuna. Informa wkoll li l-Kunsill għandu l-kaxxa ta' Puttinu Cares li fiha ser jinġabru l-fondi. Huwa ħa din l-opportunità sabiex jirringrazzja lid-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u ċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa li aċċettaw li t-tombola ssir d'dan iċ-ċentru.

5.14.3. Huwa fakkar ukoll li nhar Ħamis ix-Xirka l-Kunsill fil-Mellieħa ser ikun qed jorganizza l-Mixgħela, u fil-Manikata ser issir il-Fjakkolata. Fir-rigward tal-Fjakkolata, l-Kunsill kiseb il-permessi neċessarji minn Transport Malta u ser ikun hemm l-assistenza tal-uffiċjali tal-LESA.Huwa qal li tkun ħaġa sabiħa jekk il-membri tal-Kunsill jżuru ż-żewġ postijiet. Hawnhekk ukoll ser ikunu qed jinġabru fondi b'risq Puttinu Cares.

5.14.4. Is-Sindku ħa din l-okkażjoni wkoll biex jgħarraf li l-Kunsill beda jaħdem fuq l-attività tradizzjoni 'Il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann'. Fil-fatt huwa qal li s'issa ġew ikkonfermati l-In Guardia, siegħa programm mużikali mill-Għaqda Mużikali Imperial, Parata mill-Mellieħa Scout Group, l-armar tal-pjazza kollha minn l-Għaqda tal-Armar M.B. u l-Anakron li ser itellgħu esebizzjoni li permezz tagħha ser tiġi massimizzata l-pjazza kollha. Huwa żied jgħid li fejn jidħlu permessi, minn din is-sena daħlu wkoll id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

5.14.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li importanti li l-Kunsill jipprova jimmassimizza kemm jista' jkun l-attivitajiet biex dawn ikunu mqassma mal-pjazza kollha. Is-Sindku qal li l-pjazza saret limitata ħafna madanakollu l-attivitajiet ser ikun madwarha kollha.

5.14.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.15.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)

5.15.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li t-tieni sejħa għall-offerti biex isir resurfacing tat-triq rurali 'Ta' Bejn il-Ġonna' ġiet ippubblikata fl-10 ta' Marzu 2026 u tagħlaq fl-10 ta' April 2026.

5.15.3. Huwa qal li d-dokument tal-offerta ta' din it-tieni sejħa ġie vetted kemm mill-Procurement Section fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kif ukoll mill-Green Public Procurement Section sabiex il-Kunsill jaċċerta ruħu li d-dokument ikun konformi ma' standards imposti mill-Unjoni Ewropea.

5.15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.16.1. Sejħiet għall-Offerti (K/6)

5.16.2. Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li kif setgħu jsegwu, il-Kumitat t'Evalwazzjoni kkonkluda s-sejħiet għall-offerti/kwotazzjonijiet dwar it-Trasport għall-Anzjani lejn u minn iċ-Ċentru Anzjanità Attia tal-Mellieħa u l-Provvista u l-Manutenzjoni ta' Tabelli u s-Sinjali tat-Traffiku. Hawnhekk xtaq jirringrazzja lill-Kumitat t'Evalwazzjoni għax-xogħol tiegħu.

5.16.3. Huwa qal li bħalissa ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti għar-Resurfacing tat-Triq Bejn il-Ġonna u x-Xiri ta' Vann li jaħdem bl-Elettriku u dalwaqt ser jiġu ippubblikati żewġ sejħiet oħra li huma tal-Manutenzjoni tal-Multi Purpose Court u tal-Ġbir tal-Iskart Goff.

5.16.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Ħlasijiet tal-Kontijiet tal-ARMS Ltd fl-Uffiċċju tal-Kunsill (K/1/6/Vol III)**

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għas-sessjoni ta' taħriġ li saret fis-16 ta' Marzu 2026 mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-ARMS Ltd u li għaliha attendiet is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin.

5.17.3. Huwa qal li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali jipprovdu dan is-servizz u l-ARMS ser tkun qed tagħti kummissjoni ta' 90c lill-Kunsill għal kull kont li jitħallas.

5.17.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-kontijiet tad-dawl u tal-email jintbagħtu perjodikament iżda jkun hemm ammont sostanzjali. Għaldaqstant, wieħed irid jara kif ħa jiżvolġu l-affarijiet u l-Kunsill jara kif se tolqtu.

5.17.5. Is-Sindku qal li jidher li l-Maltapost plc mhux ser jibqgħu joffru dan is-servizz. Madanakollu, il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li meta hija ċċekkjat, is-CEO tal-Maltapost plc ma kienx infurmat dwar dan.

5.17.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. Danni kkważati fuq vettura JBL 142 fi Triq il-Kbira (D/5/Vol II)**

5.18.2. Dwar it-talba li kienet saret mis-Sur Joseph Matthew Attard sid tal-vettura JBL 142, dwar danni li allegatament il-vettura sofriet fis-17 ta' Lulju 2025, fi Triq il-Kbira preċiżament fiż-żona ta' parkeġġ fejn il-Wellbees Supermarket, il-Kunsillier J. Cauchi staqsa jekk hux possibbli li jsiru r-rubber stoppers ma' din il-bankina partikolari.

5.18.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kien tal-opinjoni li l-Kunsill m'għandux joħloq preċedenti.

5.18.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li kemm-il darba l-bankina hija għolja kemm suppost, il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn aktar.

5.18.5. Il-Kunsillier J. Cauchi ħa din l-okkażjoni biex jitlob li l-iStop Sign li hemm fi Triq il-Fuħħar tiġi refreshed.

5.18.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet ukoll li tiġi refreshed il-'Give Way' fi Triq il-Wilġa.

5.18.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Tindif ta' Ħażiż fuq il-Bankini (T/4/5/Vol IV)**

5.19.2. Il-Kunsillier C. Castillo talbet li jsir tindif tal-ħażiż fuq il-bankini fi Triq it-Tramuntana peress li l-bankina kif inhi tiżloq ħafna.

5.19.3. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li l-Kunsill xtara power washer heavy duty, u nxtrat apposta biex jitnaddfu l-bankini mill-ħażiż peress li din is-sena minħabba l-ammont ta' xita li għamlet, ħafna bankini għandhom bżonn jitnaddfu mill-ħażiż.

5.19.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. Xogħlijiet minn Infrastructure Malta f'Ta' Masrija (T/4/4/Vol IV)**

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-aħħar saff ta' asfalt fi Triq il-Fortizza għandu jingħata lejn l-aħħar tax-xahar.

5.20.3. Huwa ħa din l-opportunità sabiex jgħarraf li huwa kellu kuntatt mas-CEO ta' Infrastructure Malta dwar il-possibiltà li jsiru tiswijiet infrastrutturali fit-Telgħa tax-Xemxija. Huwa qal li għalkemm din it-triq ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, importanti li dawn it-tiswijiet isiru. Huwa qal li din hija t-triq ewlenija li minnha jgħaddi ħafna traffiku li jitlaq mill-Mellieħa u dak li jrid jasal għall-Mellieħa u l-Kunsill irċieva diversi lmenti mir-residenti. Madanakollu, huwa qal li trid issir ko-ordinazzjoni tajba tax-xogħlijiet, peress li hemm ix-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ppjanati fi Triq il-Miżieb fl-inħawi tal-Għansar. Is-Sindku saħaq li ma jistax ikun hemm dawn iż-żewġ toroq magħluqin għat-traffiku fl-istess żminijiet għax l-uniku triq li minnha jkun jista' jgħaddi t-traffiku tkun Triq il-Mellieħa.

5.20.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li importanti li meta jkunu qed isiru t-tiswijiet fit-Telgħa tax-Xemxija, Triq il-Miżieb u Triq il-Mellieħa jridu jkunu miftuħa mingħajr l-ebda xkiel għat-traffiku.

5.20.5. Is-Sindku G. Micallef ħa din l-opportunità biex jgħarraf li fil-21 ta' Marzu 2026, bagħat tfakkira oħra lil Infrastructure Malta dwar Taraġ il-Landiera. Huwa qal li peress li qed jiġi żviluppat is-sit u beda x-xogħol fuq il-ġnien fi Triq l-Għasel, Triq l-Etna u Triq Mons. Frangisk Xuereb jista' jagħti l-każ li jinbidlu l-pjanti.

5.20.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferit għal water catchment u l-Kunsillier E. Bartolo qal li issa dan il-water catchment jista' jiġi eliminat peress li hemm ir-reservoir fil-ġnien.

5.20.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.21.1. Proposta għal 'Slow Street' fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XIX)

5.21.2. Dwar din il-proposta, is-Sindku G. Micallef informa lill-membri preżenti li s-Sur Luke Genuis minn Transport Malta għarrfu li ser ikunu qed jiddiskutu din il-proposta.

5.21.3. Is-Sur John Buttigieg qal li fis-sena 2020, Dr Antoine Zammit minn Studjurban kien għamel preżentazzjoni dwar il-proġett 'Slow Streets'.

5.21.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.22.1. Permess ta' Direct Order biex issir Manutenzjoni tal-Automatic Bollards f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/3/Vol IV)

5.22.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li l-ġustifikazzjonijiet tal-Kunsill biex issir manutenzjoni tal-automatic bollards li hemm f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, huma biżżejjed biex il-Kunsill japplika u jingħata l-permess biex dawn ix-xogħlijiet isiru b'Direct Order. Hija qalet li din il-kjarifika ngħatat wara konsultazzjoni mal-Procurement Section fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

5.22.3. Is-Sindku kompla billi qal li dawn it-tiswijiet ilhom ħafna biex isiru għax kif inhuma l-automatic bollards huma perikolużi. Huwa qal li dawn ilhom imwaħħlin minn meta sar il-proġett fis-sena 2013 u dak iż-żmien il-kuntrattur li waħħalhom kien Alberta Fire & Security Equipment Ltd. Meta l-Kunsill iċċekkja x'inhu l-aktar vantaġġjuż jiġifieri jekk dawn jsirux ġodda jew inkella ssir manutenzjoni tagħhom, irriżulta li huwa aktar vantaġġjuż li ssir il-manutenzjoni meħtieġa. L-istima għal dawn ix-xogħlijiet hija ta' madwar €12,482.61c.

5.22.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri rrimarka li huwa tal-opinjoni li dawn l-automatic bollards ma jerġawx isiru minħabba li hemm spiża konsiderevoli u minflokhom isiru l-bollards li tista' tagħlaqhom b'katnazz. Dawn lanqas ikunu jirrikjedu manutenzjoni regolari bħall-automatic bollards.

5.22.5. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li kemm-il darba l-automatic bollards tħaddimhom regolarment, ma jkunx hemm problemi.

5.22.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jaqbel li l-automatic bollards jibqgħu u ssirilhom il-manutenzjoni meħtieġa.

5.22.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm-il darba dawn l-automatic bollards jinqalgħu, wieħed irid jara kif ser jagħlaq it-toqob u li jinstab il-madum li ntuża għall-pavimentar ta' dan il-Misraħ.

5.22.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.23.1. Nota ta' Sottomissjoni: Kawża Michelle Debattista vs Jonathan Hili, l-Awtorità għat-Trasport ta' Malta u l-Kunsill Lokali Mellieħa (D/5/Vol II)**

5.23.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li l-avukat tal-Kunsill Dr Jurgen Micallef, ipprepara l-aħħar nota ta' sottomissjoni b'rabta mal-kawża ċitata, peress li l-kawża waslet fl-aħħar. Hija qalet li dan huwa l-aktar stadju importanti għall-kawża, għaliex permezz ta' din in-nota, l-Kunsill ser ikun qed jagħti stampa ċara ta' 'l għaliex il-Kunsill ma jistax jitqies responsabbli. Fil-fatt, il-Kunsill ser ikun qed iressaq l-argumenti tiegħu, kontra l-argumenti mressqa mill-armla ta' Andrea Debattista. Andrea Debattista kien tilef ħajtu traġikament f'inċident stradali li seħħ fi Triq il-Marfa, il-Mellieħa numru ta' snin ilu. Il-Kunsill kien ġie mħarrek flimkien mas-sewwieq Jonathan Hili u l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, sabiex jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-armla tiegħu.

5.23.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mal-kontentut tan-nota.

**5.24.1. 'Mobility and Community Signage Initiative' (T/4/4/Vol II)**

5.24.2. Is-Sindku għarraf li huwa għamel kuntatt mal-Prof. Maria Attard dwar inizjattiva li r-Reġjun Punent ħa sabiex iħeġġeġ aktar lir-residenti jimxu u jużaw ir-rota. Din l-inizjattiva, ir-Reġjun Punent ikkordinawha mal-Profs. Maria Attard u tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' tabelli f'postijiet strateġiċi.

5.24.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Profs. Maria Attard ser tirritona Malta fl-4 ta' April 2026 u huwa ser jiltaqa' magħha dwar din il-proposta wara din id-data.

5.24.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Profs. Maria Attard kienet għamlet preżentazzjoni simili fil-Kunsill Reġjonali Tramuntana. Għal dan il-għan issuġġerixxa li jsir kuntatt mar-Reġjun u l-Kunsill jiċċekkja jekk din il-preżentazzjoni għadhiex għand ir-Reġjun.

5.24.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.25.1. Jum il-Kunsill 2026 u Iljieli Melleħin 2026 (A/5/3/1) (A/5/3/5)**

5.25.2. Is-Sindku għamel referenza għaż-żewġ avvenimenti annwali tal-Kunsill 'Jum il-Kunsill' u 'Iljieli Melleħin' u kkonferma li l-edizzjoni ta' din is-sena ta' 'Jum il-Kunsill' ser issir nhar il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2026 u l-'Iljieli Melleħin' ser isiru bejn il-Ġimgħa 24 u l-Ħadd 26 ta' Lulju 2026 u jiġu fi tmiemhom bil-'Lejla Selmunija' nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu 2026.

5.24.3. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa' jestendi l-istedina tiegħu lill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta Dr Myriam Spiteri Debono biex kemm-il darba hija taċċetta l-istedina tal-Kunsill, is-serata tkun tista' ssir taħt il-patroċinju tagħha.

5.24.4. Huwa tkellem ukoll dwar il-membri tal-Bord dwar l-Onorefiċenzi ta' Jum il-Kunsill u l-possibiltà li l-membri tal-Bord jinbidlu, anke peress li sar suġġeriment minn membri stess biex dan isir.

5.24.5. Dwar l-intervent mużikali waqt is-serata, huwa qal li l-ħsieb huwa li jsir musical qasir li jiġbor fih siltiet mużikali mill-musicals kollha li saru mill-Kunsill matul is-snin.

5.24.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa tal-opinjoni li wasal iż-żmien li l-Kunsill jagħmel reviżjoni tal-kriterji stabbiliti marbuta man-nominazzjonijiet ta' individwi u/jew gruppi u organizazzjonijiet.

5.24.7. Għal dan il-għan, intlaħaq ftehim li dan l-item għandu jitpoġġa fuq l-agenda tas-seduta li jmiss sabiex tkun tista' ssir diskussjoni dwarhom.

5.24.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.26.1 Laqgħa ma' Din l-Art Ħelwa (A/6/7/1/Vol II)

5.26.2. Is-Sindku għarraf li hija x-xewqa ta' Din l-Art Ħelwa li tiltaqa' mal-Kunsill u l-Kunsill ser jieħu din l-opportunità sabiex jiddiskuti l-aġġornament tal-Management Agreement li l-Kunsill għandu ma' Din l-Art Ħelwa fir-rigward tat-Torri l-Abjad.

5.26.3. Is-Sindku qal li t-tibdil fil-Management Agreement sar minnu flimkien mal-Kunsillier J. Buttigieg u abbozz tal-Management Agreement rivedut ser jiġi ppreżentat waqt din il-laqgħa. Kemm-il darba jkun hemm qbil fuq dawn l-emendi miż-żewġ partijiet, tiġi ffisata data għall-iffirmar tiegħu.

5.26.4. Is-Sindku ħa din l-opportunità biex jgħarraf li qed issir reviżjoni wkoll tal-Management Agreement tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija, u għarraf li appena jkun konklużi jinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill għad-diskussjoni.

5.26.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.27.1. Żona ta' Rilassament u Meditazzjoni fil-Bajja tal-Għadira (A/6/1)

5.27.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għamel referenza għas-silta 5.27.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti, u għarraf li l-Kunsill bagħat il-proposti tiegħu lis-Sur Hamdi Abu Rub, General Manager tal-Mellieħa Holiday Centre. Min-naħa tal-Kunsill, issa wieħed irid jara x'ser ikun il-feedback li ser jingħata.

5.27.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.28.1. Xogħol Infrastrutturali fi Triq il-Fortizza ta' Campbell (T/4/4/Vol IV)

5.28.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri rrefera għas-silta numru 5.28.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti, u qal li l-Kunsill irid jibqa' jinsisti sabiex isiru passaġġi tal-konkos jew mal-ġenb jew fin-nofs ta' Triq il-Fortizza ta' Campbell, biex din it-triq tkun aktar aċċessibbli minn kif inhi bħalissa.

5.28.3. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-ftehim iffirmat bejn Infrastructure Malta u l-Kunsill fis-sena 2022, liema ftehim sar biex isiru interventi f'toroq rurali fosthom Triq il-Fortizza ta' Campbell minn Infrastructure Malta wara li nkisbu fondi permezz tal-programm Rural Development Programme for Malta 2014 -2020 – programm ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropej. Is-Sindku kompla jgħid li dan il-ftehim jiskadi fis-sena 2027 u sadanittant dan il-ftehim irid jibqa' jiġi onorat.

5.28.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.29.1. Offroading fl-inħawi 'Tal-Latnija' (D/2/1)

5.29.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri talab li possibiliment jitpoġġew boulders f'passaġġ fl-inħawi ta' Noah's Ark Animal Sanctuary, peress li qed isir offroading viċin is-sit arkeoloġiku 'Tal-Latnija'.

5.29.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.30.1. Support Scheme for Recreational Open Spaces, Sensory Play Areas and Green Pockets which Include Dog Parks or Cat Cafes 2026 (F/1/7/Vol X)

5.30.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li l-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika ser iniedu l-inizjattiva msemmija għall-Kunsilli Lokali.

5.30.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-fondi allokati għal din l-iskema jammontaw għal €750,000 u kull Kunsill jista' jingħata sa massimu ta' €50,000. L-iskema tagħlaq fit-30 ta' April 2026 u l-kriterji jistabbilixxu li :

- Applicants must be Local Councils established under the Local Councils Act
- Sites must be within Urban Development Zones

- Minimum plot size: 1,500 square metres
- Land use: 80% landscaping/green space, 20% for dog park or cat café
- No uprooting or transplanting of existing trees permitted
- Proof of land ownership required
- Sites must be accessible (public transport, parking) and safe

5.30.4. Hija kompliet billi qalet li peress li l-ħsieb tal-Kunsill huwa li fi Ġnien il-Qigħan isir dog park, din hija opportunità tajba għall-Kunsill biex japplika biex jikseb fondi li jistgħu jintużaw għal dan il-għan.

5.30.5. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill jista' jikkunsidra japplika wkoll biex jirranġa d-dog park li għandu diġa' fil-Park tal-Familja.

5.30.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fl-opinjoni tiegħu m'għandhomx isiru dog park f'ġonna pubbliċi. Dawn għandhom ikunu a parti.

5.30.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.31.1. Il-Fortizza ta' Campbell, f'Selmun (P/5/3)

5.31.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-imejl datat 23 ta' Marzu 2026, mibgħut mill-Ombudsman dwar l-opinjoni finali tiegħu fir-rigward tal-każ numru: CEP-25-6870 dwar il-Fortizza ta' Campbell.

5.31.3. Is-Sindku qal li fl-ittra tiegħu l-Ombudsman spjega, li wara li personalment għamel spezzjoni fuq il-post fid-19 ta' Marzu 2026, jidher ċar li hemm periklu imminenti peress li partijiet minnha daqt jiġġarrfu. Huwa qal li fil-konklużjoni tiegħu, l-Ombudsman qal li r-rapporti dwar il-periklu li jeżistu li għamel il-Kunsill lill-Awtorità tal-Artijiet, huma ġustifikabbli u għaldaqstant irrakkomanda li s-sit jingħalaq b'mod immedjat.

5.31.4. Is-Sindku qal ukoll li fuq dan il-każ huwa tkellem mal-Onor. Miriam Dalli meta ġiet iżżur il-proġett ta' ġnien ġdid fi Triq l-Etna, fejn il-Ministru talbitu jieħu ritratti u jgħaddihomlha.

5.31.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.32.1 Devoluzzjoni tal-Park tal-Familja (A/6/7/Vol III)

5.32.2. Is-Sindku għamel referenza għas-silta 5.32.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti, u għarraf li waqt il-laqgħa mad-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy Ms Marisa Pisani, kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tal-Park tal-Familja. Dan peress li l-Kunsill apparti li jinvesti ħafna flus għall-upkeep ta' dan il-park, ser jinvesti ammont konsiderevoli sabiex issir manutenzjoni tal-multi purpose court.

5.32.3. Huwa qal li għal dan il-għan, il-Kunsill beda l-proċess tal-applikazzjoni. Il-membri kollha qablu ma' din il-proposta.

5.32.4. Huwa ħa din l-opportunità wkoll biex jgħarraf li fit-13 ta' Marzu 2026, il-Kunsill irċieva imejl mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Mellieħa, fejn saret talba lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkunsidra japplika biex il-lift panoramiku li kien propost possibiliment isir.

5.32.5. Għal dan il-għan, is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jitkellem mal-Perit tiegħu u jara kif jista' jagħmel l-applikazzjoni tiegħu aktar attraenti biex possibiliment l-Awtorità tal-Ippjanar tikkunsidraha.

5.32.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li għalkemm huwa jaqbel mal-proposta tal-lift panoramiku, huwa tal-opinjoni li l-Kunsill xorta għandu jesplora l-proposta biex fil-lokalità jkun hawn servizz ta' vettura li possibiliment taħdem bl-elettriku u sservi bħala 'Electric Tour Vehicle'. Huwa qal li fejn jidħol il-lift panoramiku, xorta jkollok l-ispejjeż ta' manutenzjoni fuq bażi regolari.

5.32.7. Is-Sindku nforma wkoll lill-membri preżenti li numru ta' ħaddiema assenjati mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali ser jibdew xogħol ta' manutenzjoni fuq l-aperturi u xogħol ta' żebgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill. Dan wara li l-Kunsill kien ipparteċipa fi skema apposta. Huwa qal li l-Kunsill ser ikun responsabbli biss mix-xiri tal-materjal.

5.32.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.33.1. Talba għal-Laqgħa minn Servizzi Ewropej f'Malta (P/10/1Vol VI)

5.33.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li l-Kunsill irċieva imejl mingħand Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) li talbu li ssir laqgħa mal-Kunsill dwar is-servizzi u l-assistenza li huma joffru.

5.33.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsilliera C. Castillo tindika data konvenjenti għaliha sabiex tiġi kkomunikata mas-SEM.

5.33.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.34.1. Disgrazzja fiċ-Ċirkewwa (C/8)

5.34.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva talba minn The Polish Community in Malta and John Paul II Łazy Primary School sabiex il-Kunsill jikkunsidra li tissemma' triq għat-tifla Pollakka li tilfet ħajjitha traġikament fiċ-Ċirkewwa.

5.34.3. Is-Sindku qal li peress li t-trejqa u l-post fejn seħħ l-inċident fatali ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, huwa ssuġġerixxa li jitlob il-permess ta' Transport Malta sabiex il-Kunsill ipoġġi bank b'lapida fuqu in memoria ta' din it-tifla.

5.34.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li hija kienet ser tissuġġerixxi li titwaħħal lapida fejn tpoġġew il-fjuri wara t-traġedja. Madanakollu kienet tal-opinjoni li jekk jitpoġġa bank u lapida adattata tkun ħaġa sabiħa wkoll.

5.34.5. Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġerit li fuq il-lapida jista' jsir engraving ta' wiċċha akkumpanjat bi kliem li jfakkar it-traġedja li seħħet.

5.34.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.35.1. Skemi ta' Finanzjament 2026 – L-Ewwel Parti u t-Tieni Parti (F/1/7/Vol X)

5.35.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-item 23.5 fuq l-Agenda dwar l-Iskemi ta' Finanzjament 2026.

5.35.3. Huwa qal li l-Iskemi ta' Finanzjament 2026 – L-Ewwel Parti jinkludu:

**SPI.SCI.01.2026 -** Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026
**(Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 14 ta' April 2026)**

**SPI.SCI.02.2026 -** Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026
**(Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026)**

**SPI.SCI.03.2026** - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026
**(Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026).**

5.35.4. Il-Kunsill unanimament qabel li jipparteċipa fi tliet skemi msemmija u ippropona li jissottometti l-applikazzjonijiet tiegħu sad-dati rispettivi tal-għeluq kif ġej:

**SPI.SCI.01.2026: Iljieli Melleħin 2026**
**SPI.SCI.02.2026: Lokalitajiet Aktar Nodfa 2026 – Triq tad-Dahar**
**SPI.SCI.03.2026: Il-Milied Mellieħa 2025**

5.35.5. Dwar l-Iskemi ta’ Finanzjament 2026 – It-Tieni Parti huwa qal li dawn jinkludu:

**SPI.SCI.04.2026 -** Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
**(Data ta’ l-għeluq – il-Ġimgħa, 26 ta’ Ġunju 2026)**

**SPI.SCI.05.2026 -** Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità
**(Data ta’ l-għeluq – il-Ġimgħa, 24 ta’ Lulju 2026)**

**SPI.SCI.06.2026** - Finanzjament - Karnival 2027
**(Data ta’ l-għeluq – il-Ġimgħa, 28 ta’ Awissu 2026).**

5.35.6. Il-Kunsill unanimament qabel li jipparteċipa fi tliet skemi msemmija u ippropona li jissottometti l-applikazzjonijiet tiegħu sad-dati rispettivi tal-għeluq kif ġej:

**SPI.SCI.04.2026: Manutenzjoni tal-Parapett ta’ Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa**
**SPI.SCI.05.2026: Twettiq ta’ accessibility audit tal-bankini għall-aktar infrastruttura sigura għall-mixi**
**SPI.SCI.06.2026: Il-Karnival fil-Mellieħa**

5.35.7. Il-Kunsill jiddikjara li jinsab f’posizzjoni finanzjarja stabbli, u li kapaċi jonora l-obbligazzjonijiet li ser jiġu proposti fl-applikazzjonijiet imsemmija hawn fuq.

5.35.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.36.1. Inizjattiva ‘Minn Pjazza għal Pjazza’ (F/1/7/Vol X)

5.36.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill issottometta l-applikazzjoni tiegħu b’rabta mal-inizjattiva ‘Minn Pjazza għal Pjazza’.

5.36.3. Huwa qal li l-Kunsill ippropona kunċett differenti minn tas-soltu. Fil-fatt, il-ħsieb tal-Kunsill huwa li fix-xahar ta’ Novembru meta l-Kunsill ma kellu l-ebda ippjanata, fejn f’Misraħ il-Parroċċa tiġi organizzata wirja ta’ karozzi vintage u amalgamata magħha jkun hemm sfilati tal-moda u l-mużika fost oħrajn.

5.36.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.37.1. Inizjattiva Community Profiling (K/16)

5.37.2. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li l-Kunsill jeħtieġ li jsib data biex Culture Venture jkunu jistgħu jippreżentaw u jaqsmu l-istudju li huma għamlu mal-Kunsill u mal-għaqdiet lokali.

5.37.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.38.1. Wirja ‘Iċ-Ċaħda’ fis-sede tal-Għaqda Mużikali Imperial (S/6/Vol VII)

5.38.2. Is-Sindku għamel referenza għat-talba li l-Għaqda Mużikali Imperial għamlet lill-Kunsill, sabiex jinxtraw il-fjuri għall-wirja ‘Iċ-Ċaħda’, li ser tiġi organizzati matul il-Ġimgħa Mqaddsa.

5.38.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li fl-ispirtu tal-Artiklu (n) u (p) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) il-Kunsill jikkontribwixxi l-ammont ta’ €230.

## 5.39.1. L-Iskema RT001/2025 mnedija mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana (S/6/Vol VII)

5.39.2. Dwar l-iskema RT001/2025 mnedija mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana, is-Sindku G. Micallef qal li l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina nfurmat lill-Kunsill li fid-9 ta’ Mejju 2026, l-għaqda u l-kor bil-kollaborazzjoni tas-surmast rinomat Taljan Mro Mauro Ivano Benaglio ser itellgħu kunċert prestiġġjuż fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa. Dakinhar ser jieħdu sehem ukoll żewġ korijiet mill-Italja.

5.39.3. Huwa kien tal-fehma li kif kien ġie diskuss u miftiehem fis-seduta preċedenti, kull għaqda mużikali tingħata għajnuna finanzjarja ta' €1,500 minn dan il-fond. Għaldaqstant, l-istess għandu japplika għall-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina li ser ittella' dan il-kunċert prestiġjuż fil-lokalità.

5.39.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.1.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera C. Castillo li tgħid::

"Billi saret sejħa għall-kwotazzjonijiet CFQ MLC 1/2026, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi s-Servizz ta' Trasport għall-Anzjani lejn u minn iċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa;

Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tat-tliet offerti sottomessi, skont il-minuti tat-30 ta' Jannar 2026 u tal-11 ta' Frar 2026; u

Billi l-Kunsill alloka fondi għal dan il-għan taħt il-Vot 2720 fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2026;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Faith Garage li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bi spiża ta' €9,900 bit-taxxa miżjuda.". (A/1/5)

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera L. Darmanin.

### 6.1.2. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier John Buttigieg li tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti CFT MLC 06/2025, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi 'Supply, Installation, Testing and Commissioning of a Vehicle Control CCTV System including Civil Works, Light Services, Power Services and CCTV system at four different locations within the locality of Mellieħa (Manikata);

Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-ħames offerti sottomessi, skont il-minuti tat-30 ta' Jannar 2026 u tal-11 ta' Frar 2026; u

Billi l-Kunsill alloka fondi għal dan il-għan taħt il-Vot 7312 fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2026;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent iSpy Ltd li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bi spiża ta' €25,548.18 bit-taxxa miżjuda.". (C/9)

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 21 ta' Marzu 2026.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-23 ta' Frar 2026 u l-21 ta' Marzu 2026.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri bejn l-1 ta' Frar 2026 u l-25 ta' Frar 2026.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fit-8.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 29 ta' April 2026 fil-5.30pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Segretarju Eżekuttiv**